



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10100/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0228(COD)

TRANS 424
FIN 504
CADREFIN 321
POLGEN 110
ENER 297
TELECOM 270
COMPET 508
MI 498
ECO 68
CODEC 954

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 309 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar pożizzjoni tal-Kunsill fuq l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 309 final.

Mehmuż: COM(2021) 309 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.6.2021
COM(2021) 309 final

2018/0228 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

pożizzjoni tal-Kunsill fuq l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

pożizzjoni tal-Kunsill fuq l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014

1. KUNTEST

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2018) 438 final – 2018/0228 COD):	6 ta' Ġunju 2018
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	19 ta' Settembru 2018
Data tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni	10 ta' Ottubru 2018
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	17 ta' April 2019
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	9 ta' Ġunju 2021
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	14 ta' Ġunju 2021

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) hija waħda mill-istrumenti ta' finanzjament taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. L-oġġettiv ġenerali tal-FNE huwa li tiżviluppa u timmodernizza n-networks trans-Ewropej fl-oqsma diġitali, tat-trasport u tal-enerġija u li tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

Għat-trasport, l-FNE timmira li tikkontribwixxi għat-tlestija tan-network ewlieni trans-Ewropew tat-trasport sal-2030 u tan-network komprensiv sal-2050. L-FNE tappoġġa wkoll il-modernizzazzjoni tan-network TEN-T, partikolarment l-varar tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u d-diġitalizzazzjoni tat-trasport. Barra minn hekk, il-proġetti tat-trasport b'użu doppju, ċivili u militari, se jkunu implimentati permezz tal-FNE.

Fil-każ tal-enerġija, tingħata enfasi lill-kontribut għall-iżvilupp tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija u lill-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija u tal-interoperabbiltà tan-networks min-naħa għall-oħra tal-fruntieri u bejn is-setturi; tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u titħalla ssir id-dekarbonizzazzjoni permezz tal-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Fil-każ diġitali, l-FNE timmira li tikkontribwixxi għall-varar ta' networks diġitali u sistemi 5G sikuri u siguri ta' kapaċità għolja ħafna kif ukoll għaż-żieda fir-reżiljenza u fil-kapaċità

tan-network ewlieni f'konformità mal-obiettivi Ewropej tal-konnettività diġitali għall-2025 u l-2030.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, adottata fl-14 ta' Ġunju 2021, tappoġġa l-obiettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni. L-iktar bidliet importanti li ġew introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni jinkludu:

Elementi baġitarji, rati ta' kofinanzjament

Ġew inklużi dispożizzjonijiet ġodda b'rabta mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020 dwar l-appoġġ speċifiku mill-Intestatura 1(2), Investiment Strateġiku Ewropew għat-tlestija tal-links ferrovjarji transfruntiera kbar li huma neqsin bejn il-pajjiżi tal-Koeżjoni. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta dispożizzjonijiet li jispeċifikaw l-allokazzjoni tal-pakkett ta' Koeżjoni li jistabbilixxu d-dati sa meta ċerti livelli limiti se jkunu applikabbli: (1) għall-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross (ING) *per capita* tagħhom imkejjel skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017 huwa inqas minn 60 % tal-medja tal-ING *per capita* tal-UE-27, għandu jkun garantit 70 % tas-70 % tal-ammont li jkunu trasferew lill-FNE sal-31 ta' Diċembru 2024; (2) sal-31 ta' Diċembru 2025, l-ammont totali allokati għall-azzjonijiet fi Stat Membru ta' Koeżjoni ma għandux jaqbeż il-170 % tas-sehem ta' dak l-Istat Membru lejn l-ammont totali trasferit mill-Fond ta' Koeżjoni.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-modifika tal-perċentwali indikattivi tal-allokazzjoni tal-pakkett ta' Koeżjoni, li tistabbilixxi li 85 % tal-pakkett se jintużaw għall-azzjonijiet relatati ma' networks effiċjenti, interkonnessi u multimodali u 15 % tal-pakkett se jintużaw għall-azzjonijiet relatati ma' mobbiltà intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura.

Ġiet inkluża dispożizzjoni fis-settur tat-trasport li tistabbilixxi livell limitu sa 10 % tal-pakkett Ġenerali li jista' jintuża għall-operazzjonijiet ta' taħlit. Ġiet inkluża dispożizzjoni li tispeċifika li l-pakkett ta' Koeżjoni ma għandux jintuża għall-operazzjonijiet ta' taħlit. Id-dispożizzjonijiet jipprevedu flessibbiltà u għalhekk il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn il-modifiki.

Ġie inkluż livell limitu li jindika li għandu jitqassam sa 15 % tal-baġit globali tas-settur tal-enerġija għall-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli bil-possibbiltà li dan jiżdied sa 20 %. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

Ġie stabbilit livell limitu li jista' jintuża sa 1 % tal-baġit globali għall-assistenza teknika u amministrattiva. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din il-modifika.

L-emendi li ġejjin dwar ir-rati ta' kofinanzjament ġew inklużi fis-settur tat-trasport: għall-pakkett Ġenerali, ġew inklużi azzjonijiet li jappoġġaw lill-passaġġi fuq l-ilma interni, lill-

interoperabbiltà ferrovjarja, u lill-azzjonijiet li jadattaw l-infrastruttura tat-trasport għall-finijiet tal-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni bil-possibbiltà li jirċievu rata ogħla ta' kofinanzjament ta' 50 %. Fil-każ tal-azzjonijiet li jikkonċernaw it-tlestija tal-links ferrovjarji kbar transfruntiera li huma neqsin bejn l-Istati Membri ta' Koeżjoni, ir-rata massima ta' kofinanzjament għandha tkun ta' 85 %. Ir-rata ta' kofinanzjament għal proġetti b'użu doppju, ċivili u ta' difiża ġiet stabbilita sa 50 %. Ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-pakkett ta' Koeżjoni ma għandhiex taqbeż il-85 %. Il-possibbiltà li tizzied ir-rata ta' kofinanzjament b'5 % għal proġetti mwettqa minn strutturi ta' ġestjoni integrata, inkluż l-impriżi konġunti, ġiet inkluża kemm għall-pakketti Ġenerali kif ukoll għall-pakketti ta' Koeżjoni. Fil-każ tal-azzjonijiet implimentati fir-reġjuni ultraperiferiċi, ir-rata massima ta' kofinanzjament żdiedet sa 70 % għas-setturi diġitali, tat-trasport u tal-enerġija, u għall-azzjonijiet implimentati skont il-programmi ta' ħidma ta' sinerġija, ir-rata ta' kofinanzjament tista' tizzied b'10 %. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn il-modifiki.

Eliġibbiltà

Fis-settur tat-trasport, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eliġibbiltà tal-azzjonijiet ġie estiż. Fuq in-network ewlieni tat-TEN-T, ġew inklużi konnessjonijiet mal-ajruporti. Fin-network komprensiv tat-TEN-T, ġew introdotti portijiet marittimi u interni kif ukoll komponenti tan-network komprensiv li jinsabu fl-Istati Membri li ma għandhomx fruntiera fuq l-art ma' Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn l-emendi.

Ġie inkluż artikolu ġdid dwar l-adattament tan-network TEN-T għall-użu doppju, ċivili u ta' difiża li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-infrastruttura b'użu doppju, u jinkludi att ta' implimentazzjoni li jiddetermina r-rekwiżiti tal-infrastruttura b'użu doppju. Ġiet inkluża dispożizzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni titlob trasferiment mill-pakkett tal-Mobbiltà Militari għall-pakkett Ġenerali f'każ li jkun hemm xi fondi mhux impenjati. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn l-emendi.

Saru emendi fil-listi indikattivi tal-kurituri tan-network ewlieni tat-trasport u tal-konnessjonijiet transkonfinali fuq in-network komprensiv. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn il-modifiki.

Ġiet inkluża dispożizzjoni li tistabbilixxi li l-kostijiet relatati max-xiri tal-art huma eliġibbli għall-pakkett ta' Koeżjoni sakemm ikunu f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

Ġiet inkluża dispożizzjoni ġdida dwar il-possibbiltà li jiġi kofinanzjat il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

Ġiet introdotta klawsola ġdida dwar iċ-ċibersigurtà għas-settur diġitali. Hija tipprevedi li għall-azzjonijiet kollha jew għal uħud minnhom taħt l-oġettivi speċifiċi stabbiliti għas-settur diġitali, is-sejħiet għal proposti u s-sejħiet għall-offerti jistgħu, għal raġunijiet ta' sigurtà debitament ġustifikati, ikunu ristretti għall-entitajiet stabbiliti jew għal daww meqjusa stabbiliti fl-Istati Membri, u kkontrollati direttament jew indirettament mill-Istati Membri, jew minn ċittadini tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa din l-emenda.

Programmar, għotjiet, ġestjoni tal-ftehimiet ta' għotja

Ġiet inkluża dispożizzjoni ġdida dwar il-programmi ta' ħidma li tistabbilixxi li l-ewwel programmi ta' ħidma se jkopru s-sejħiet, is-suġġetti ta' tagħhom u l-baġit indikattiv għall-ewwel tliet snin kif ukoll qafas prospettiv għall-perjodu li jifdal. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

Ġiet inkluża dispożizzjoni fis-settur tal-enerġija dwar il-proġetti ta' interess komuni u miri speċifiċi għall-interkonnnessjonijiet u għas-sinkronizzazzjoni tas-sistemi elettriċi man-networks tal-UE. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

Ġiet elaborata aktar id-dispożizzjoni dwar l-approvazzjoni tal-Istati Membri permezz tal-preżentazzjoni tal-proposti. Ġiet inkluża dispożizzjoni ġdida, li tippermetti li titwettaq proċedura ta' selezzjoni tal-proġett f'żewġ stadji. Ġiet estiża l-lista tal-kriterji tal-ġhoti li jeħtieġ li l-Kummissjoni tqis, sa fejn hu applikabbli. Ġie inkluż artikolu ġdid dwar l-ġhoti tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni li jistabbilixxi li d-deċiżjonijiet tal-għażla għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u jistabbilixxi obbligi ulterjuri għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' għotja. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn l-emendi.

Inżammet dispożizzjoni li tippermetti li l-azzjonijiet li ngħataw biċ-ċertifikat tas-Siġill ta' Eċċellenza jirċievu kofinanzjament taħt il-Fond ta' Koeżjoni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din id-dispożizzjoni.

4. KONKLUŻJONI

B'mod ġenerali, il-ftehim li ntlaħaq jikkonserva l-oġġettivi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, iżomm il-livell ta' ambizzjoni iżda jippermetti l-flessibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FNE. Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni li ħa l-Kunsill.

Intlaħaq qbil b'dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027 (fl-Anness).

Anness:

“Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021–2027.

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li, fl-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021–2027, mill-ammont speċifikat fl-Artikolu 4(2), il-punt (a)(i), tar-Regolament FNE, l-ammont ta' EUR 1 384 000 000 (fil-prezzijiet tal-2018) ser jintuża għat-tlestija ta' konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera kbar li huma neqsin bejn l-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.”